A.L. 447 ta' l-2007

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 22, 23 u 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaga waħda ma' l-Għaxar Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Għaxar Skeda qegħda hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

Jemenda l-Iskeda.

2. Fil-verżjoni bil-Malti, minflok il-kliem "5. (1)" fil-partita taħt is-subintestatura "Attribuzzjoni parzjali", għandu jiġi sostitwit il-kliem "6. (1)".